30 APR 2024

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 596**

**It-Tlieta 26 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fit-3.10 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 596.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

596.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sur Joseph Vella fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sur Joseph Vella jkunu skużati.

## 596.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

596.2.1 Il-minuti tal-595 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## 596.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

596.3.1 Is-Sindku qal li x-xogħol ta' tisbiħ li kienu għaddejjin fil-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill kien għaddej ġmielu.

596.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien iltaqa' mal-kuntrattur responsabbli mil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-kuntratt għax-xogħlijiet ta' titjib fil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023) kien ser jiġi ffirmat hekk kif il-kuntrattur jipprovdi l-garanzija bankarja u d-dokumenti meħtieġa.

596.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex jiġi mplimentat il-proġett tal-*mobility* mad-dawra tal-iskola u l-kwotazzjonijiet sabiex jiġu nstallati il-kameras tas-sigurtà. Is-Sindku qal ukoll illi matul il-jiem li ġejjin kien ser jinbeda xogħol ta' manutenzjoni permezz tal-ħaddiema tal-FTZD u żied jgħid li l-Kunsill kien ser iħallas għax-xiri tal-materjal.

596.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali li kienu għaddejin minn Infrastruttura Malta. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għaddej xogħol infrastrutturali fi Triq John Delia u Triq ta' Lanza. Kienu tlestew il-konnessjonijiet tan-*networks* tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira sabiex tiġi solvuta l-problema tal-għargħar fiż-żona tal-Biċċieni b'mod partikolari Triq il-Kbira. Barra minn hekk, is-Sindku qal li kien tlesta x-xogħol ta' tarmak fi Triq il-Mina ta' Hompesch, inżebgħu l-marki tal-karreġġjati u ġew installati l-*bollards* quddiem is-*supermarket* bħala miżuri ta' sigurtà.

## 596.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

596.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**596.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

596.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2024 u s-26 ta' Marzu 2024 li kienet tammonta għal €50,123.32.

596.5.2 Fit-3.15 ta' wara nofsinhar is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

**596.6 Ingaġġ skrivan/a (Skala 15)**

596.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' skrivan/a (Skala 15) lill-kandidati eleġibbli li qegħdin jirreġistraw taħt *Part 1* u *Part 2*. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala skrivana (Skala 15).

**596.7 Laqgħa Annwali Pubblika**

596.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapport Finanzjarju u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' April, 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir nhar l-Erbgħa 10 ta' April, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jibgħatu r-rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena 2023.

**596.8 Żvilupp - Estensjoni taċ-Ċimiterju**

596.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet bagħtet kopja ta' pjanti flimkien mal-agenda relatati ma' żvilupp sabiex jiġi estiż iċ-ċimiterju.

596.8.2 Is-Sindku qal illi fuq in-naħa tax-xellug tal-kanċell taċ-ċimterju kienet ġiet sottomessa applikazzjoni sabiex isir żvilupp ta' krematorju li għalih il-Kunsill, madwar xahar ilu, kien issottometta oġġezzjoni. Is-Sindku żied jgħid li madwar sena ilu il-Kunsill kien ukoll oġġezzjona għal żvilupp ta' bini ta' appartamenti proposti fuq wara taċ-ċimiterju. Dan l-iżviluppatur tal-aħħar kien talab laqgħa mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien iltaqa' ma' dawn l-iżviluppaturi. Is-Sindku spjega li din id-darba l-iżviluppaturi kienu ġew bi proposta ta' estenzjoni taċ-ċimiterju u talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma ssottomettew l-applikazzjoni lill-Awtorità tad-Djar. Is-Sindku qal illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm domanda kbira minn residenti sabiex jixtru l-oqbra. Din il-proposta

kienet tinkludi oqbra fl-art, fil-ħitan u anke spazji għall-urni f'każ li l-individwu jiġi kkremat. Is-Sindku żied jgħid li l-proposta kienet skont il-proposta tal-*Local Plan*. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-iżviluppaturi kienu anke offrew persentaġġ ta' flus mill-bejgħ għal kull qabar li jinbigħ sabiex jintuża għal proġett komunitarju. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara jekk jaqbilx mal-prinċipju li jdaħħal il-flus minn dan il-proġett sabiex jintużaw għal proġett komunitarju. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Knisja kinitx ser taċċetta li jkun hemm estensjoni taċ-ċimiterju u jekk l-art inkwistjoni kinitx art privata. Is-Sindku qal li l-art kienet privata u żied jgħid li l-Kunsill ma jidħolx fil-kuntest jekk il-Knisja kinetx ser taċċetta li ċ-ċimiterju jiġi estiż. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Kunsill kien oġġezzjona għal żvilupp ta' appartamenti, pero' issa li ser isir żvilupp ta' ċimiterju ma jarax il-għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-proġett. Is-Sur Angelo Scicluna semma l-ħtieġa li jiżdiedu aktar oqbra fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar minħabba li kien hemm ħafna individwi fil-*waiting list* sabiex jixtru qabar. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill kienx ser javża lir-residenti li dawn l-iżviluppaturi kienu bidlu l-ħsieb u li mhux ser jiżviluppaw appartamenti iżda minflok kien ser isir ċimiterju. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u żied jgħid li din l-art diġa għandha permess għal-ċimiterju. Is-Sindku qal ukoll li din il-proposta kienet tinkludi entratura oħra fuq wara taċ-ċimiterju u li mal-iżvilupp kienet ser tinfetaħ triq ġdida. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta li jiġi estiż iċ-ċimiterju u jinbnew oqbra ġodda. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx jaqbel mal-użu ta' fondi ġġenerati mill-bejgħ ta' oqbra għal proġett komunitarju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill ma jistax iġiegħel lill-kuntrattur jalloka persentaġġ tal-bejgħ għal dan il-għan. Madankollu, is-Sindku spjega li fondi bħal dawn jistgħu jiffinanjzaw diversi proġetti fil-lokalità kif ukoll ir-restawr tal-kappella taċ-ċimiterju. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat li jekk il-Kunsill jiffirma kuntratt li jinvolvi dawn il-fondi, il-proġett tal-komunità irid ikun ta' proprjetà pubblika. Billi l-kappella taċ-ċimiterju mhix proprjetà pubblika, il-Kunsill ma jistax jiffinanzja r-restawr tagħha. Madankollu, is-Sindku ssuġġerixxa li xogħol ta' restawr għall-kappella xorta jista' jsir permezz ta' dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser titlob gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-materja.

**596.9 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- *Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 1/2024)

596.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu ġew sottomessi erba' offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 1/2024) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li tlett offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet mingħand il-Perit Alistair Avallone. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- **Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 2/2024)**

596.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienu ġew sottomessi żewġ offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 2/2024) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li offerta waħda biss kienet teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

- **Servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi**

596.9.3 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi u li jkun hemm *attendant* wieħed preżenti l-ġurnata kollha li jkun qed jieħu ħsieb iż-żewġ latrini. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

**596.10 Ittri legali**

596.10.1 Ma kienx hemm ittri legali.

**596.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

596.11.1 Is-Sur Angelo Scicluna talab li jitwaħħal bank fi Triq Ġużeppi Pace.

596.11.2 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien hemm bżonn tindif u manutenzjoni fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem li hemm fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien fil-proċess biex jixtri d-dawl tal-funtana.

596.11.3 Is-Sinjura Anna Calleja qajmet tħassib dwar tabella tal-*one-way* li kienet ġiet installata waqt ix-xogħlijiet minn Infrastruttura Malta fi Triq Santa Duminka u li minkejja li x-xogħlijiet tlestew, it-tabella baqgħet ma tneħħitx. Is-Sinjura Calleja ħeġġet għat-tneħħija ta' din it-tabella. Is-Sindku qal illi kien ħa nota dwar din it-tabella sabiex imur jiċċekkja.

596.11.4 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahar talbet li jsiru *double yellow lines* man-naħa tal-għalqa fi Triq il-Ġilbiena minħabba li kienu qed jipparkjaw il-karozzi u t-triq kienet qed tiġi karreġġjata waħda.

596.11.5 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra talbet li jiġu nstallati *bollards* f'Misraħ Alofju Wignacourt fid-direzzjoni ta' Triq Santa Duminka.

596.11.6 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju kien għad hemm id-dawl li għadu ma ġiex irranġat.

596.11.7 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi minkejja li l-Kunsill ilu jressaq it-talba biex jinżebgħu l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq Bajada, dawn baqgħu ma sarux. Is-Sindku qal illi kien ser jerġa' iressaq it-talba lil Transport Malta.

**596.12 Mozzjonijiet**

596.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**596.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

596.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' April, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

596.13.2 Il-laqgħa spiċċat fl-3.50 ta' wara nofsinhar.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-597 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 ta' April, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku